# MARIJA IMMAKULATA MEQJUMA FIL-KNEJJES TAGĦNA

## Kitba tal-Kan. JOSEPH GRECH CREMONA

Ix-xbiha ta' MARIJA IMMAKULATA hija meqjuma fil-knejjes tal-Gżejjer tagħna. Nibdew mill-Katidral ta' Malta, fejn insibu *stained glass* mill-isbaħ fuq kwadru famuż tal-Murillo fil-kappellun tal-Lunzjata. Fir-Rabat insibu artali tal-Kunċizzjoni fil-Kolleġġjata ta' San Pawl u fil-knisja ta' San Franġisk. Hemm imbagħad statwi ta' l-Immakulata fil-knejjes ta' San Pawl u ta' Ġiesu. Ir-Rabat ukoll, fi Triq Santu Wistin, insibu knisja żgħira tal-Kunċizzjoni u oħra f'Wied Gerżuma.

### ARTALI U KWADRI TITULARI



*Artal maġġur f'kappella fil-limiti tar-Rabat*

Fil-Belt Valletta għandna artali tal-Kunċizzjoni fil-knejjes ta' San Franġisk u ta' Ġiesu, u statwi fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, f'San Franġisk, f'ta' Ġiesu u San Nikola, magħrufa bħala ta' l-Erwieħ. Wieħed mill-Oratorju magħqudin mal-knisja tal-Ġiżwiti hu dedikat lill-Kunċizzjoni, kif hu wkoll l-Oratorju fil-kunvent ta' San Franġisk, waqt li fl-Oratorju l-ieħor tal-knisja tal-Ġiżwiti dedikat lill-Assunta, hemm ukoll kwadru kbir u sabiħ ta' l-Immakulata. Ix-xbiha tagħha tidher ukoll fil-kwadri titulari tal-knejjes ta' San Rokku u ta' Santa Luċija.

Fil-Furjana hemm il-knisja ta' Sarria dedikata lill-Immakulata, bil-kwadru titulari ta' Preti, u statwa żgħira. Hemm imbagħad artali tal-Kunċizzjoni fil-knisja arċipretali ta' San Publiju, u f'dik tal-Kapuċċini, kif ukoll pittura fil-koppla tal-kappella tal-Madonna ta' Lourdes.

Fil-Birgu nsibu artal u statwa fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, u fl-Isla hemm artal u statwa mill-isbaħ, ta' Mariano Gerada, fil-Bażilika, u artal ta' l-Immakulata ta' Guadalupe fil-knisja ta' San Filippu. F'Bormla, l-knisja Kolleġġjata hi s-Santwarju ta' Marija Immakulata, bil-kwadru ta' Pietru Pawl Caruana, nkurunat mill-Kardinal Domenico Ferrata fl-1905, u l-istatwa li hi attribwita lill Suor Maria De Domenicis; illum irranġata fil-fidda fuq disinn ta' Abram Gatt. F'Bormla hemm ukoll artal tal-Kunċizzjoni fil-knisja ta' Santa Margerita, tas-Sorijiet Karmelitani Skalzi.

Fil-Ħamrun, il-knisja parrokkjali tal-Kunċizzjoni għandha statwa sabiħa li kienet San Franġisk tal-Belt Valletta.

### KNEJJES OĦRA ŻGĦAR

Knejjes żgħar tal-Kunċizzjoni hemm fin-Naxxar, iż-Żurrieq, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Lija, il-Mosta, l-Imsida, San Ġiljan, Bingħisa (limiti ta' Birżebbuġa) u Wied Qannotta (limiti ta' San Pawl il-Baħar).



*Statwa fil-knisja parrokkjali – Tarxien*

Hemm imbagħad artali ta' Marija Immakulata fil-Kolleġġjata, f'San Franġisk u fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-koll f'Birkirkara, kif ukoll fil-parroċċi tal-Gudja, San Ġorġ Ħal Qormi, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, H'Attard, Ħal Tarxien, Ħal Lija, l-Imqabba, Ħal Għargħur, il-Qrendi, Ħal Għaxaq, Kristu Re, u fil-knejjes ta' Sant'Ubaldeska ta' Raħal il-Ġdid, u tas-Sorijiet tas-*Sacred Heart*, San Ġiljan.

Insibu statwi tal-Kunċizzjoni f'San Franġisk, u l-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara, San Ġorġ Ħal Qormi, Ħal Tarxien, l-Imqabba, il-Mosta, il-Parroċċa u l-Kunċizzjoni l-Imsida u statwa ta' rħam, Kristu Re, Raħal il-Ġdid.

Kwadri jew pitturi jeżistu fil-knejjes ta' Stella Maris, u tas-Sacro Cuor, tas-Sliema, u fil-parroċċi tal-Mosta, San Ġwann u l-Gżira.

### F'GĦAWDEX

Fil-Belt Vittorja għandna l-kwadru laterali fil-Kor tal-knisja Katidrali, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, artal u statwa, xogħol Salvu Psaila, f'San Franġisk, u statwa oħra titulari tal-kappella tas-Seminarju.



*Statwa għand il-Franġiskani – Vittorja*

Jeżistu artali ta' l-Immakulata fil-Kolleġġjata tan-Nadur, fil-Parroċċa taż-Żebbuġ, fil-Bażilika ta' Pinu, u fil-knisja ta' Sant'Antnin, l-Imġarr. Dan barra mill-kwadri fil-Kolleġġjati ta' l-Għarb, tax-Xagħra, fl-Oratorju tal-Parroċċa tax-Xewkija, u fil-knisja l-qadima ta' Għajnsielem.

Tnejn huma f'Għawdex il-knejjes tal-Kunċizzjoni, u t-tnejn jinsabu l-Qala: is-Santwarju bil-kwadru famuż ta' Federico Barocci minn Urbino nkurunat fl-1954, fejn insibu wkoll l-istatwa ta' l-Immakulata, u faċċata ta' Kemmuna, l-knisja ċkejkna, imsejħa "Tal-Blat".

Teżisti l-Konfraternità ta' l-Immakulata fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, f'San Franġisk tal-Belt Valletta, fil-Kolleġġjati ta' l-Isla, l-Birgu u Bormla, fil-Parroċċi ta' Ħal Tarxien, Imqabba u l-Qala, fil-knisja ta' San Franġisk tal-Belt Vittorja, Għawdex.